MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 216/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom fir-Registru Pubbliku ta’ Malta nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003), skond kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg ma twildux tfal;

Illi l-intimata zzewget lill-esponenti ghall-konvenjenza sabiex tkun tista’ tikseb ic-cittadinanza Maltija, tant illi meta zzewgu, l-esponenti kellu biss ghoxrin sena u l-intimata kellha tlieta u ghoxrin sena u minn dakinhar taz-zwieg, il-kontendenti qatt ma ghexu flimkien u z-zwieg taghhom qatt ma kien ikkonsmat;

Illi l-fatt illi dan iz-zwieg kien wiehed ta’ konvenjenza u nieqes mill-imhabba u mill-*communio vitae* rikjesta mil-ligi ghall-validita’ taz-zwieg, jirrizulta minn fatti li graw immedjatament qabel iz-zwieg, fil-hin tal-kunsens taz-zwieg, kif ukoll minn fatti ta’ wara li jistghu jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-attur.

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Mejju 2003, jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi *stante* illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, *stante* illi l-partijiet, jew min minnhom, meta taw il-kunsens taghhom ghaz-zwieg kienu privi b’mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakulta’ kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera;

Illi ulterjorment, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, *stante* li l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg *stante* illi l-intimata zzewget lill-esponenti sabiex hija tkun tista’ tikseb ic-cittadinanza Maltija. Dan qieghed jinghad ghaliex l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghall-hajja

komuni bazata fuq il-*benessere* reciproku. Ghaldaqstant, l-eskluzjoni pozittiva tal-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghall-hajja komuni u bbazata fuq il-*benessere* reciproku tirrendi z-zwieg null;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, iz-zwieg tal-partijiet huwa ukoll null ai termini tal-Artikolu 19 (1)(g) *stante* li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet, senjatament tal-intimata, kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Ghaldaqstant, jitlob l-attur sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti nhar it-22 ta' Mejju 2003, huwa null u bla effett ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 19(1) (d), (f), (g) u (a) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata l-intimata ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Iz-zwieg f'din il-kawza huwa zwieg ta' konvenjenza "par excellence".

Il-konvenut jixhed hekk:

"*Niftakar illi din il-bicca xoghol taz-zwieg ghal flus kien ghamilha habib tieghi qabli. Dak iz-zmien kont ghadni zghir u kont nieqes mill-flus u ghalija sitt mitt Lira Maltin (Lm600) kienu hafna u hajjarni naghmel hekk. Jien la qatt hsibt fuq il-konsegwenzi u lanqas fuq xi jfisser zwieg u zzewwigt biss ghal flus li kont se nircievi talli nizzewweg barranija. Jien qabel ma zzewwigt m'ghedt lil hadd b'din l-istorja pero' wara z-zwieg kont mort nghid lil habib tieghi tax-xoghol certu* ommissis (isem u kunjom) *u kemm*

*Robert u kemm n-nies tax-xoghol l-ohra bdew jifthuli ghajnejja pero' f'dak il-hin kien diga' tard wisq ghax jien kont diga' zzewwigt.*

*Qabel id-data taz-zwieg jien kont ghadni lanqas biss iltqajt ma' C u lanqas biss kont ghadni rajtha. Jien kien irrangali kollox inkluz id-data taz-zwieg, dik il-persuna li semmejt aktar 'l fuq. Jien kull ma kont naf qabel iz-zwieg hu d-data, l-hin u l-post ta' fejn se nizzewgu, il-bqija ma kont naf xejn aktar lanqas lil min ser nizzewweg hlief li kienet barranija. Jien lanqas ma kien jinteressani nkun naf dwar il-karattru jew id-dehra tal-persuna l-ohra ghax kien jinteressani biss li se niehu l-flus.*

*Niftakar illi dakinhar taz-zwieg pero' d-data ma niftakarhiex, kont rajt l-ewwel darba lil C. Ahna konna zzewwigna u wara z-zwieg hi kienet telqet ghal riha u jien tlaqt ghal rihi.*"

Ic-cirkostanzi taz-zwieg kollha gew konfermati mill-genituri u hbieb tal-attur li ukoll xehedu fil-kawza.

F'materja ta' zwieg ta' konvenjenza, dawn il-Qrati dejjem irritenew illi c-cirkostanzi jkunu tali li jeskludu ghal kollox l-intenzjoni ta' zwieg. Il-Qorti, fil-kuntest, tirreferi ghad-decizjoni taghha kif presjeduta fil-kawzi "**Daniel Attard vs Ilham Brida**", "**Moira Mizzi vs Hasan Salou Bachar**", u "**Krushenka Buhagiar vs Vincent Buhagiar**" kollha decizi fil-15 ta' Marzu 2011.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Mejju 2003, huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------